MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2015

Avviz Numru. 250/2011

**Valletta Service Station Limited**

**Vs**

**Francis Cassar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mis-socjetà Valletta Service Station Limited permezz ta' liema titlob li Francis Cassar jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' hamest elef disa' mija tlieta u sebghin Euro u sitt centezmi (€5,973.06) rapprezentanti prezz ta' diesel mibjugh u konsenjat lilu fuq struzzjonijiet tieghu stess inkluz l-imghax legali sa' l-20 ta' Gunju 2011; bl-imghax ulterjuri mill-20 ta' Gunju 2011 sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez kontra Francis Cassar;

Rat ir-Risposta ta' Francis Cassar permezz ta' liema jopponi ghat-talba tas-socjetà attrici stante li l-ammont pretiz ta' €5,973.06 huwa eccessiv in kwantu huwa digà hallas l-ammont ta' €3,000 f'zewg pagamenti ta' €500 u zewg pagamenti ta' €1,000 u dan kif jirrizulta mill-ktieb tal-kontijiet tas-socjetà attrici. L-ammont dovut ghalhekk huwa ta' €2,973.06 u mhux ta' €5,973.06, liema somma huwa jirrimetti ruhu li jhallas, bl-ispejjez kontra s-socjetà attrici;

Semghet ix-xhieda moghtija mill-konvenut waqt is-seduta tal-21 ta' Frar 2012[1], rat id-dokumenti, ossia *cheques* li saret referenza ghalihom waqt il-kontro-ezami tal-konvenut waqt is-seduta tal-21 ta' Frar 2012, esebiti mis-socjetà attrici permezz ta' Nota pprezentata fl-24 ta' Frar 2012 markati Dok. "VS1" u Dok. "VS2" a fol. 50 sa' 52 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Richard Pisani moghtija waqt is-seduta tat-23 ta' April 2012[2], rat l-affidavit ta' Alex Sammut u d-dokumenti annessi mieghu esebiti mis-socjetà attrici permezz ta' Nota pprezentata fl-24 ta' Mejju 2012, markati Dok. "AS" sa' Dok. "AS5" a fol. 68 sa' 77 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Alex Sammut

[1] Fol. 61 sa' 63 tal-process.
[2] Fol. 65 u 66 tal-process.

moghtija waqt is-seduti ta' l-14 ta' Jannar 2013[3] u tal-15 ta' April 2013[4] u rat id-dokument esebit mis-socjetà attrici, ossia r-rendikont tas-somma mitluba fil-proceduri odjerni, permezz ta' Nota pprezentata fl-4 ta' Marzu 2013 markat Dok. "X" a fol. 87 u 88 tal-process;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni s-socjetà attrici titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' €5,973.06 rapprezentanti prezz ta' diesel mibjugh u konsenjat lilu fuq struzzjonijiet tieghu stess inkluz l-imghax legali kalkolat sa' l-20 ta' Gunju 2011. Il-konvenut jilqa' ghat-talba attrici bl-eccezzjoni li l-ammont minnha pretiz huwa eccessiv in kwantu huwa già effettwa pagament ta' €3,000 permezz ta' zewg pagamenti ta' €500 u zewg pagamenti ta' €1,000, u ghalhekk l-ammont dovut u li huwa jirrimetti ruhu li jhallas huwa ta' €2,973.06 u mhux ta' €5,973.06.

Huwa principju assodat fis-sistema guridika nostrali li *min jallega l-pagament ghandu jippruvah ghas-sodisfazzjon tal-Qorti. Fid-dubju u fin-nuqqas ta' ricevuta ghandha tipprevali l-presunzjoni li d-dejn ma thallasx jekk ma jigix pruvat ... b'mezzi ohra li l-attur huwa sodisfatt. Naturalment l-attur li jallega id-debitu ghandu fl-ewwel lok u dejjem l-obbligu li jipprova l-kreditu minnu vantat. Inkella, fin-nuqqas li jaghmel dan, jibqa' jimpera l-principju "actor non probante, reus absolvitur"*[5].

Li s-socjetà attrici effettivament ghandha kreditu fil-konfront tal-konvenut ma huwiex kontestat mill-istess konvenut li fir-Risposta tieghu jammetti li fic-cert ghandu jaghti lill-imsemmija socjetà s-somma ta' €2,973.06. Il-kontestazzjoni tirrivolvi madwar id-differenza ta' **€3,000** bejn is-somma pretiza mis-socjetà attrici u s-somma li skond il-konvenut hija dovuta minnu in kwantu appuntu il-konvenut jikkontendi li dan l-ammont ta' €3,000 thallas minnu lis-socjetà attrici.

Kif già iktar 'l fuq osservat fir-Risposta tieghu l-konvenut jikkontendi li din is-somma ta' €3,000 giet minnu mhallsa lis-socjetà attrici permezz ta' **zewg pagamenti ta' €1,000** u **zewg pagamenti ta' €500**. Fir-rigward waqt is-seduta tal-21 ta' Frar 2012[6] il-konvenut iddikjara *originarjament l-ammont li kelli naghti kien bejn €5,500 u €6,000 però effettwajt pagamenti, tnejn ta' €500 il-wiehed u tnejn ohra ta' €1000 il-wiehed.* ***Jien dawn il-pagamenti ghamilthom cash, izda s-socjetà attrici ma rrilaxxjatx ricevuta imma kitbet fil-kotba taghha***[7]. *Jien ghandi niehu madwar €1,000 minghand wiehed maghruf bhala d-Disco. Jien ghalhekk kont wasalt f'arrangament verbali ma' Alex Samut tas-socjetà attrici, li dan id-Disco kellu jghaddi pagamenti lilu. Dan il-ftehim ma kienx bil-miktub però kemm Alex Sammut kif ukoll dan id-Disco kienu qed jghiduli li l-pagamenti kienu qed isiru, izda jiena sa' llum ma nafx kemm minn din l-elf Euro lahqet thallset. L-ahhar li tkellimt ma' dan id-Disco però infurmani li hu qed izomm ktieb tal-*

[3] Fol. 81 sa' 85 tal-process.
[4] Fol. 90 sa' 93 tal-process.
[5] Andrew Dalli v. Michael Balzan noe, Citaz. Nru. 187/90 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Jannar 2003.
[6] Fol. 61 sa' 63 tal-process.
[7] Enfasi tat-Tribunal.

*pagamenti li hu qed jghaddi lil Sammut u fil-fatt qalli li kien ser igibu mieghu l-Qorti, tant hu hekk li jien harriktu ghas-seduta ta' llum.* ***Jien mill-ammont li kien jonoqsi, allura bilancjali ghas-socjetà attrici u nametti li ghad hemm ammont bilancjali dovut, iridu jitnaqqsu pagamenti li kien lahaq ircieva minghand dan id-Disco***[8]*. Jien lis-socjetà attrici qatt ma cahhadtha mill-flus li kelli naghtiha.*

In kontro-ezami il-konvenut iddikjara wkoll li *dan id-Disco li jiena nirrikonoxxi li jismu Richard Pisani ma kienx jahdem mieghi, kien jahdem ma' certu Raymond Buttigieg. Jien lil Richard Pisani m'ghandix x'naghtih, hu ghandu jaghti lili. Il-ftehim kien li flok ma' Pisani jghaddi l-flus lili, jghaddihom lil Sammut ghan-nom tas-socjetà attrici.* ***Dawn il-pagamenti ta' Pisani m'humiex l-istess pagamenti, jigifieri tnejn ta' €500 u tnejn ta' €1000 li ghamilt referenza ghalihom precedentement***[9]*. Nerga' nghid li minghand Pisani jien ghandi niehu €1000. Skond ma infurmani Pisani lil Sammut ghan-nom tas-socjetà attrici già tah xi €500. Jiena ma nafx il-mod kif gew effettwati dawn il-pagamenti. Madanakollu nerga' ntenni li Pisani nfurmani li ghandu l-ktieb tal-pagamenti ffirmat minn Sammut.*

Bhala prova tal-kreditu taghha fil-konfront tal-konvenut is-socjetà attrici ipprezentat affidavit ta' Alex Sammut kif ukoll diversi dokumenti li juru l-hlasijiet li hija rceviet minghand il-konvenut. Mill-affidavit ta' Alex Sammut u mid-dokumenti esebiti mis-socjetà attrici jirrizulta li l-ammont originarjament dovut mill-konvenut lis-socjetà attrici – ossia sas-sena 2008 – kien ta' **€6,891.70** konsistenti dan fil-prezz ta' diesel mibjugh u konsenjat lill-konvenut u fis-somma ta' €400 mislufa lill-konvenut permezz ta' zewg pagamenti ta' €200 il-wiehed. Fi Frar 2009, senjatament fis-26 ta' Frar 2009 il-konvenut effettwa hlas ta' **€1,000** u dan kif jirrizulta mid-dokument Dok. "AS1" a fol. 71 tal-process u gie effettwat pagament iehor ta' **€400** fil-31 ta' Mejju 2010 u dan kif jirrizulta mid-dokument Dok. "AS2" a fol. 72 tal-process. Fuq perijodu ta' zmien bejn is-16 ta' Lulju 2009 u d-9 ta' Settembru 2010 is-socjetà attrici irceviet l-ammont komplessiv ta' **€420** minghnad certu Richard Pisani li a sua volta huwa debitur tal-konvenut u li kellu jghaddi l-hlasijiet dovuti lill-konvenut direttament lis-socjetà attrici. Richard Pisani[10] stess ikkonferma li huwa hallas lis-socjetà attrici parti mill-ammont li huwa kellu jaghti lill-konvenut, tant illi jghid li fadallu bilanc versu l-konvenut ta' €560. Ghalkemm minn din ix-xhieda jidher li Richard Pisani hallas l-ammont ta' €440 u mhux ta' €420 kif pretiz mis-socjetà attrici, kuntrarjament ghas-socjetà attrici huwa ma ipprezentax il-ktieb tieghu fejn kien izomm notament ta' xi hlasijiet kien jeffettwa lis-socjetà attrici u ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-hlas ippruvat jammonta ghal €420. Mir-rendikont markat Dok. "X" esebit mis-socjetà attrici permezz ta' Nota pprezentata fl-4 ta' Marzu 2013[11] jirrizulta li fit-22 ta' April 2010 s-socjetà attrici rceviet pagament iehor ta' **€100**.

B'hekk il-hlasijiet li s-socjetà attrici rceviet versu d-debitu tal-konvenut, inkluz l-ammonti mhallsa minn Richard Pisani, u dana kif jirrizulta mill-kotba taghha li fuqhom qed jistrih il-konvenut in kwantu skontu hallas *cash* u ma ghandux ricevuti tal-hlasijiet, huma ta' €1,000, €400, €420 u €100 ghall-ammont komplessiv ta' **€1,920** u mhux ta' €3,000 kif allegat mill-konvenut.

[8] Enfasi tat-Tribunal.
[9] Enfasi tat-Tribunal.
[10] Vide xhieda moghtija waqt is-seduta tat-23 ta' April 2012, fol. 65 u 66 tal-process.
[11] Fol. 87 u 88 tal-process.

Waqt is-smigh tal-proceduri qamet kwistjoni dwar zewg *cheques* datati wiehed **18 ta' Marzu 2009** ghall-valur ta' €500 u l-iehor **23 ta' Gunju 2009** ghall-valur ta' €1000[12], li skont il-konvenut kienu jikkostitwixxu hlasijiet lis-socjetà attrici versu d-debitu tieghu lejha. Fir-rigward il-konvenut xehed illi *jien originarjament il-pagamenti kont naffetwhom bic-cekk, però imbaghad meta nqalaghtli din il-problema u bdew izommuli l-flus bdejt ihallas cash. Fil-fatt jiena, lis-socjetà attrici kont ilni zmien ihallasha cash kif ghamilt fl-ahhar pagamenti li semmejt. Nerga' nghid li jien il-pagament m'effettwajthomx b'cekk peress li kelli l-mandati fuq il-kontijiet tieghi. Illum il-gurnata dawn il-mandati tnehhew. Kien hemm okkazzjonijiet fejn is-socjetà attrici hallastha permezz ta' cekkijiet. Ma kienetx l-ewwel darba li jien kont immur ghand is-socjetà attrici u nsarraf cekkijiet ghandha, jigifieri jien naghtihom ic-cekk u huma jaghtuni l-flus kontrih.* ***Qed nigi muri photocopies ta' cekkijiet u jien nikkonferma li dawn huma cekkijiet tieghi. Fir-rigward ta' dawn ic-cekkijiet nghid li dawn kienu intizi bhala hlasijiet u mhux biex jien niehu l-flus kontrihom. Dawn qeghdin jigu ndikati bhala cash u mhux b'isem is-socjetà attrici ghax probabilment ikunu qaluli biex ma jitnizzilx isimha***[13]. *Meta jien qabel ghedt li kont insarraf ic-cekkijiet ghand is-socjetà attrici, dawn ma kienux cekkijiet tieghu personali bhal ma huma c-cekkijiet li ghadhom kif intwerew lili, izda kienu cekkijiet tal-kumpanija. Din il-kumpanija kienet ATP. Din ma kinitx kumpanija tieghi imma kienet taht it-Trasport Pubbliku u mhux cekkijiet tieghi personali. Jien fil-fatt kont niffirma fuq wara tac-cekk li kont nircievi mill-ATP u Sammut kien jaghtini l-flus kontrih*[14].

L-affermazzjoni tal-konvenut li dawn iz-zewg *cheques* datati 18 ta' Marzu 2009 u 23 ta' Gunju 2009 kienu hlasijiet lis-socjetà attrici ma hijiex affattu kredibbli meta kien hu stess li kemm fir-Risposta tieghu kif ukoll waqt l-ezami tieghu – u cioè qabel ma gie rinfaccjat b'dawn ic-*cheques* – iddikjara li s-somma ta' €3,000 allegatament imhallsa lis-socjetà attrici kien hallasha *cash*. Il-fatt li fuq dawn iz-zewg *cheques* hemm miktub *Pay Cash* zgur ma jfissirx li dawk kienu hlasijiet effettwati *cash* ossia in kontanti kif originarjament iddikjarat mill-konvenut.

B'hekk il-Qorti hi tal-fehma li l-hlas li gie effettwat lis-socjetà attrici versu d-debitu tal-konvenut huwa dak li jirrizulta mill-kotba taghha komplessivament ammontanti ghal €1,920, liema ammont gie minnha mehud in konsiderazzjoni ghall-fini ta' l-ammont bilancjali lilha dovut mill-konvenut.

In kwantu rigwarda s-somma pretiza kif mahduma mis-socjetà attrici rrizulta mid-dokument Dok. "X" a fol. 88 tal-process li b'effett mill-1 ta' April 2009, id-data minn meta s-socjetà attrici bdiet tesigi l-imghax minghand il-konvenut ghalkemm l-obbligazzjoni in kwistjoni hija wahda ta' xorta kummercjali, is-socjetà ikkalkulat l-imghax fuq l-imghax u l-hlasijiet ricevuti allokathom ghall-ammont ta' kapital maghdud flimkien ma' l-imghax li lahaq iddekorra sad-data tal-hlas. Il-Qorti ma tistax tonqos milli tosserva li din il-prattika tas-socjetà attrici ma hijiex guridikament korretta kemm fid-dawl ta' dak provdut fl-Artikolu 1142 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta – *l-imghaxijiet maghluqa jistghu jaghtu imghaxijiet ohra, sew bis-sahha tad-*

[12] Dok. "VS2" a fol. 52 tal-process.
[13] Enfasi tal-Qorti.
[14] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-21 ta' Frar 2012, fol. 61 sa' 63 tal-process.

*disposizzjonijiet ta' l-artikoli ta' qabel dan, minn dakinhar tat-talba giudizzjarja ghaldaqshekk jew bi ftehim li jsir wara li jaghlqu, basta li, fil-kaz il-wiehed u l-iehor, l-imghaxijiet ikollhom jinghataw ghal zmien ta' mhux anqas minn sena*, kif ukoll fid-dawl ta' dak provdut fl-Artikolu 1169(2) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta – *il-hlas ta' parti mid-dejn maghmul akkont ta' kapitali u imghaxijiet, minghajr ma jinghad ghal liema minnhom, imur l-ewwel ghall-imghaxijiet*.

Mahduma l-konteggi ai termini tal-Ligi u senjatament ai termini ta' l-imsemmija zewg artikoli tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jirrizulta li sad-9 ta' Settembru 2010, id-data ta' l-ahhar pagament akkont effetwat versu d-debitu tal-konvenut mas-socjetà attrici, il-kapital dovut kien jammonta ghal €5,560.29 u kien ghad fadal imghax bilancjali ta' €83.09, b'dana li l-ammont dovut, oltre imghax ulterjuri fuq is-somma ta' €5,560.29 konteggjat mid-9 ta' Settembru 2010 sad-data ta' l-effettiv pagament, jammonta ghal **€5,643.38**.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenut kif minnu impostata, tilqa' t-talba attrici limitatament ghall-ammont ta' €5,643.38 u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjetà attrici l-imsemmija somma ta' €5,643.38, bl-imghax fuq is-somma ta' €5,560.29 dekoribbli mid-9 ta' Settembru 2010 sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------